# Il-Ħadd 26.04.2020

1. F'dan iż-żmien straordinarju minħabba l-COVID-19, waqt li nibqgħu nisimgħu sewwa u nħarsu d-direttivi li qed ningħataw mill-awtoritajiet tas-saħħa, u bħala nsara dak ukoll li jgħidulna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, ejjew nibqgħu wkoll ningħaqdu u nissaħħu bit-talb:

**NINKURAĠĠIXXU TALB PRIVAT,** u li għal din ir-raġuni,
**<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** ser tkun miftuħa:

- Mit-Tnejn sas-Sibt AM: bejn 7:30am u 8:00am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
- Il-Ħadd AM: bejn 8:00am u 9:15am; PM: bejn 5:30pm u 6:30pm

**<u>Il-Knisja ta' Santa Marija</u>** tkun miftuħa bħas-soltu:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

**MINKEJJA LI MHUX ISIR QUDDIES** tajjeb insegwu x-xandiriet tal-Quddiesa fuq <u>TVM2</u>, <u>www.knisja.mt</u>, <u>www.Quddies.com.mt</u>, u <u>Newsbook.com.mt</u> kif indikat:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Fid-9:30am - Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija mill-Kappella tal-Kurja
  Fil-5:30pm - Repetizzjoni tal-Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija mill-Kappella tal-Kurja.
- Is-Sibt: Fis-6:30pm - Quddiesa mis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex
  Fis-7:00pm - Quddiesa għaż-Żgħażagħ
- Il-Ħadd: Fid-9:30am - Quddiesa mill-Knisja ta' S. Franġisk, Villambrosa - Ħamrun.
  Fis-6:30pm - Quddiesa bl-Ingliż

**L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI**, qed jinżamm jiffunzjona u wieħed jista' jinqeda billi:

- jibgħatli email:- **<u>parrocca.safi@maltadiocese.org</u>**, jew
- iċempilli fuq Tel. no.:- **<u>21649223</u>** (l-Uffiċċju), jew fuq Mob. no.:- **<u>79604561</u>** (Kappillan).

**NIEĦDU ĦSIEB XULXIN**, anke billi permezz ta' xi telefonata / video chat naraw li l-familjari / ġirien tagħna jkunu jinsabu tajbin u mhumiex imċaħħda minn xi bżonnijiet essenzjali tal-ħajja.

- Helpline għall-Anzjani ta' aktar minn 60 sena għal għajnuna ta' ikel u mediċina: **<u>25903030</u>**.
- Helpline għal min qed iħossu waħdu jew jixtieq jibqa' f'kuntatt ma' xi ħadd: **<u>1772</u>**.

2. Illum 26/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid**:

- Ara Lq 24, 32: Mulej, Ġesù, fissrilna l-Iskrittura; ħeġġilna qalbna, int u tkellimna.

*<u>Fuljett bil-Liturġija:</u>* <u>https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1130_3Haddghid.pdf</u>

- **QARI I** - Atti 2, 14.22-33: Ma setax ikun li Ġesù jinżamm fl-irbit tal-mewt.
- **SALM RESPONSORJALI** - Salm 15 (16): Mulej, int tgħallimni t-triq tal-ħajja
- **QARI II** - 1 Piet 1, 17-21: Kontu mifdija bid-demm għażiż ta' Kristu, bħal Ħaruf bla tebgħa.
- **L-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA** - Lq 24, 13-35: Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin.
  **<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** tiftaħ AM: bejn 8:15am u 9:15am

o **Segwu x-xandira: AM - 09:30am: Quddiesa minn Mons. Arċisqof**
  **<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** tiftaħ PM: bejn 5:30pm u 6:30pm

3. Il-Ġimgħa 01/05, **San Ġużepp Ħaddiem – L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**

4. Il-Ħadd 03/05, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid – Jum il-Vokazzjonijiet**:

- Ara Ġw 10, 14: Jiena r-ragħaj it-tajjeb, jgħid il-Mulej;
  jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili.

*<u>Fuljett bil-Liturġija:</u>* <u>https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1131_4Haddghid.pdf</u>

- **QARI I** - Atti 2, 14a.36-41: Alla lil Ġesù għamlu Mulej u Kristu
- **SALM RESPONSORJALI** - Salm 22 (23): Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni
- **QARI II** - 1 Piet 2, 20b-25: Intom erġajtu lura għand ir-ragħaj u l-għassies ta' ruħkom
- **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** – Ġw 10, 1-10: Il-bieb tan-nagħaġ huwa jien

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:

- € 55 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.